# EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA PRIMARJA 2006

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IS-SITT SENA** **RELIĠJON** **ĦIN: SIEGĦA**

**Isem:** ___________________________ **TOTAL:** | 100 | **marka**

**Klassi:** __________________

## A. Imla l-vojt b'kelma mill-kaxex. Ara l-eżempju. (10 x 1 = 10 marki)

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | ~~*pont*~~ | | |
| **bi** | **qima** | **ma'** | **permezz** | **fi** |
| **għemilna** | **Salvatur** | **frieġħi** | **Ġesù** | **għaqda** |

**Eżempju:** Ġesù hu l- ***pont*** li jgħaqqadna ma' Alla.

1. Ħadd ma jista' jmur għand il-Missier jekk mhux __________________ ta' Ġesù.
2. Ġesù waħdu hu s-___________________ li ħallas għal dnubietna.
3. F'ħajtu kollha, Ġesù wera li kellu __________________ sħiħa mal-Missier.
4. Fil-quddiesa ningħaqdu ma' Ġesù biex nagħtu __________________ lill-Missier.
5. Il-quddiesa hi l-aqwa talba għax fiha __________________ jkun jitlob magħna.
6. Ġesù jrid li ngħixu fih bħalma l-__________________ jgħixu fid-dielja.
7. Meta ngħixu fih, Ġesù jibda jidher f' __________________.
8. Il-qima tagħna lil Alla trid tkun _______ Kristu, ______ Kristu u ______Kristu.

**B. Ikteb il-kliem neqsin fit-talba tal-Missierna.**
**Ara l-eżempju.** **(10 x 1 = 10 marki)**



**Eżempju:** Missierna li inti fis-***smewwiet:***

Jitqaddes _________________;

Tiġi saltnatek;

Ikun li __________ int kif fis-_________hekkda fl-__________.

Ħobżna ta' _________________ agħtina _________________;

Aħfrilna _________________ kif aħna _________________ lil min hu ħati għalina;

Iddaħħalniex fit-_________________;

Iżda _________________ mid-deni. Amen.

**Ċ. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet dwar it-talba tal-Missierna.** **(5 marki)**

1. Min għallimna t-talba tal-Missierna? ____________________

(2 marki)

2. ***Min hu ħati għalina*** tfisser min ______________________________________________

_____________________________________________________________________________.

(3 marki)

**D. Ħares lejn il-lista tal-festi. Ikteb fil-kaxex liema minnhom huma festi tal-Knisja.**

**Ara l-eżempju.** **(10 x 1 = 10 marki)**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| ~~Il-Milied~~ | Jum il-Mara | Santa Marija | San Ġużepp | Kristu Re |
| L-Indipendenza | L-Għid | Jum il-Ħelsien | Jum il-Missier | San Pawl |
| L-Imnarja | 7 ta' Ġunju | Il-Kunċizzjoni | Pentekoste | Jum it-Tfal |
| Ir-Repubblika | Lapsi | Jum L-Omm | Il-Karnival | L-Epifanija |

| **Eżempju:** | 1 | **Il-Milied** |
|---|---|---|
|  | 2 | |
| | 3 | |
| | 4 | |
| | 5 | |
| | 6 | |
| | 7 | |
| | 8 | |
| | 9 | |
| | 10 | |
| | 11 | |

**E. Qabbel is-sentenzi minn 2 sa 6.**

**Ara l-eżempju.** **(10 x 1 = 10 marki)**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **Eżempju:** | **1** | **Alla tant ħabbna** | | biex nistgħu nħobbu. |
| | 2 | Alla ħalaq lill-bniedem b'ruħ | | biex nistgħu nirraġunaw. |
| | 3 | Alla tana d-dinja | | Alla jħobb l-aktar lill-bnedmin. |
| | 4 | Alla tana moħħ | | biex naħdmu fiha u ngawduha. |
| | 5 | Alla tana qalb | **1** | **li għamilna uliedu.** |
| | 6 | Minn fost il-ħlejjaq kollha | | li tagħmlu jixbah lilu. |

**Kompli qabbel is-sentenzi 7 sa 11.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 7 | Aħna se ngħixu għal dejjem | | li aħna tnaddafna mill-ħażen kollu. |
| 8 | Fil-Magħmudija | | għax għandna ruħ. |
| 9 | L-ilma tal-Magħmudija jfisser | | nibdew ħajja ġdida, bla dnub. |
| 10 | Fil-Magħmudija nilbsu l-abjad | | li jfisser id-dawl ta' Kristu. |
| 11 | Fil-Magħmudija nixegħlu l-Blandun | | li jfisser li lbisna lil Kristu. |

**F.** Aqra din l-istorja li kiteb John u wieġeb il-mistoqsijiet. **(20 marka)**



Walter ilu fil-klassi tiegħi mill-kindergarten. Meta konna *Year 1*, kien ifalli ħafna u meta kien jiġi l-iskola kulħadd kien jidħaq bih. Kien il-ħin kollu jgħajjibna. Fil-*Year 2* ġiet *facilitator* fil-klassi miegħu. Waqt il-*group work* fil-klassi sibt ruħi miegħu u kont immur tajjeb ħafna miegħu. Lili kien jifhimni u jien kont nifhmu, avolja ma kienx jitkellem ċar. Fil-*break* kont nibqa' nilgħab miegħu u meta ma jkunx irid jilgħab, kont noqgħod ħdejh biex nitkellmu. Jien u Walter sirna ħbieb u kemm-il darba mort nilgħab miegħu d-dar tiegħu. Kont nieħu l-ġugarelli tiegħi għax hu ftit għandu u kulma jkollu jkissru.

F'Ottubru li għadda, il-Kunsill Lokali tani premju talli kont nieħu ħsieb Walter. Jien ma kontx naf b'dan kollu. Qabel tawni l-premju qalu li jien kont nominat mill-għalliema tiegħi tas-sena l-oħra, mill-*facilitator*, mis-surmast, mill-kappillan u minn xi ġirien ta' Walter. Qatt ma ħsibt li kien hawn tant nies li kienu jarawni nilgħab ma' Walter.

Dak inhar fil-għaxija mort il-Museum bħas-soltu. Is-Superjur ukoll kien jaf u ferħli ħafna, daħħalni fl-uffiċċju tiegħu, u tani ktieb fuq Ġesù bħala tifkira. Hu qalli li Alla wkoll jaf bit-tajjeb kollu li nagħmlu, u fil-Ġenna se jagħtina premju ferm isbaħ milli tani hu u milli tani l-Kunsill.

1. Lil min kien jgħin John? ______________________________ (marka)

2. Ikteb eżempju wieħed biex turi kif kien jgħinu.

   ______________________________ (marka)

3. Għaliex taħseb li John kien ħaqqu premju? ______________________________

   ______________________________ (3 marki)

4. Taħseb li kieku ma kienx hemm il-premju tal-Kunsill, John kien jgħin lil dak it-tifel? Kif taf?

______________________________________________________________________________

__________________________________________________________________________ (3 marki)

5. Ikteb fil-vojt kif fil-klassi int tista' tgħin lil

   a) tifel li qiegħed f'*wheelchair*

   ______________________________________________________________________.

   b) tifla batuta fix-xogħol ta' l-iskola

   ______________________________________________________________________.

(2 marki kull waħda)

6. Xi tfisser il-kelma **proxxmu**?

__________________________________________________________________________ (2 marki)

7. X'insejħulhom l-erwieħ tajba li jinsabu l-ġenna? _______________ (2 marki)

8. Agħti eżempju ta' xi ħadd minnhom u għid x'għamel jew x'għamlet.



____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________.

(3 marki)

9. Fuq l-eżempju ta' min imxew dawn in-nies? ____________________ (marka)

## Ġ. Irranġa l-kliem wara xulxin biex tikteb sentenza fuq kif naraw il-kobor ta' Alla fil-ħolqien. Ikteb is-sentenza taħt. (5 marki)

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **il-ħlejjaq** | **għax** | **kelma** | **kollox** | **int** |
| **għedt** | **Ħa jaqduk** | **kollha,** | **u** | **sar.** |

____________________________________________________

____________________________________________________

____________________________________________________

____________________________________________________



## G. Kompli fi kliemek dawn is-sentenzi. (10 marki)

1. Meta nieħdu l-Magħmudija aħna nsiru:



a) ________________________________________

b) ________________________________________

c) ________________________________________

d) ________________________________________

(4 marki)

2. Il-Knisja tixtieq li fil-Magħmudija jagħtuna isem ta' xi qaddis jew qaddisa biex

____________________________________________________________________

____________________________________________________________________.

(2 marki)

3. Fl-1 ta' Novembru nagħmlu l-festa tal-________________________________________.

(2 marki)

4. Għalfejn isiru l-festi lill-Madonna u lill-qaddisin fil-Knisja?

____________________________________________________________________

____________________________________________________________________.

(2 marki)

## GĦ. Kompli dawn is-sentenzi dwar il-festi ta’ żmien il-Milied. (10 x 2 = 20 marka)

1. Matul l-Avvent aħna niftakru fit-tliet miġjiet ta' Ġesù. Niftakru f’meta Ġesù jiġi fil-qalb u fil-ħajja tagħna. Niftakru ukoll f’meta:

   a) Ġesù ġie ______________________________________________

   b) Ġesù għad jiġi ____________________________________________

1. Ġesù jiġi f’moħħna meta ____________________________________________
   ______________________________________________________________.

2. Ġesù jiġi f’qalbna meta ____________________________________________
   ______________________________________________________________.

3. Ġesù jiġi fil-ħajja kollha tagħna meta ________________________________
   ______________________________________________________________.

4. L-Insara għażlu l-25 ta’ Diċembru biex jiċċelebraw it-twelid ta’ Ġesù għax f’dak il-jum
   ______________________________________________________________.

5. Meta twieled Ġesù, l-anġli kantaw, “ ____________________________________
   ______________________________________.”

6. Fil-Kredu tal-Quddiesa nistqarru li l-Iben ta’ Alla, “niżel mis-smewwiet __________________
   ____________________________________ fidwa tagħna u ___________________________
   ______________________________________________________________________
   minn Marija Verġni u sar bniedem.”

7. Fl-ewwel Ħadd tas-sena nfakkru f’meta ____________________________________
   ______________________________________________________________.



8. Il-festa ta’ l-Epifanija tfisser li ________________________________________
   ______________________________________________________________.

9. Fil-Griżma ta’l-Isqof l-Ispirtu s-Santu jagħtina qawwa speċjali biex inkunu xhieda
   ______________________________________________________________.